**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Lulju 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 57/2011JVC**

**Domenic Camilleri; Ronnie Camilleri; Noel Camilleri u dan fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejjet missierhom Joseph Camilleri; Anthony Camilleri u Theresa mart John Xuereb**

**vs**

**Carmelo u Lucia konjugi Vella u b'digriet tat-tlieta (3) ta' Awwissu elfejn u hdax (2011) Dottor Kevin Mompalao gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta l-wirt battal ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

1. Illi fl-24 ta' Lulju 2007 mietet Carmela Camilleri nee' Attard mart Carmelo Camilleri bint Guzeppi Attard u Maria nee' Stellini (Dok A) b'testment unica charta tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok B, C, D) u kienet sopravissuta ghalhekk minn Carmelo Camilleri, ir-ragel taghha u tliet ulieda u cioe' Anthony, Theresa mart John Xuereb u Lucia mart

Carmelo Vella filwaqt li wliedha, Joseph Camilleri u Maria Attard kienu diga' mejta;

2. Illi fil-fatt bintha l-ohra Maria Attard kienet diga' mietet fit-12 ta' Dicembru 1994 (Dok E) bla wlied u dixxendenti ohra waqt li binha, Joseph Camilleri miet fis-6 ta' Settembru 2004 (Dok F, G u H) intestat u halla warajh lit-tliet uliedu, Dominic, Ronnie u Noel ahwa Camilleri;

3. Illi fit-30 ta' Mejju 2010 miet Carmelo Camilleri (Dok I) bit-testment unica charta tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok J,K) u halla werrieta lill-erba' uliedu u cioe' Joseph, Anthony, Theresa mart John Xuereb u Lucia mart Carmelo Vella;

4. Illi l-atturi ddecidew li ma jaccettawx 'il fuq imsemmija ereditajiet u minflok talbu l-porzjoni riserva ossija l-legittima skont il-ligi.

5. Illi matul hajjithom il-konjugi Carmelo u Carmela konjugi Camilleri ghamlu zewg kuntratti ta' bejgh – lil binthom Lucia Vella u lil zewgha Carmelo Vella – wiehed tal-11 ta' Ottubru 1979 (atti Nutar Emanuel George Cefai) (Dok L) u li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu bil-prezz ta' elf u hamsin Lira Maltin (LM1,050) bicca raba msejha "Ta Ghajn Melel" fil-kuntrada "Ta Ghajn Melel" fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u sittax-il metru kwadru (116m$^2$) u tmiss lvant ma' beni ta' Michelangelo Cassar, nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Emmanuele Cini, punent mat-triq, u l-iehor tad-29 t'April 1988 (Atti Nutar Michael Refalo) (Dok M) u li in forza tieghu l-konjugi

Camilleri bieghu u ttraferixxew id-dar fiz-Zebbug Ghawdex, fi Triq Skapuccina numru wiehed u tletin (31) bil-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) liema fond fil-fatt huwa senjat bin-numri 31, 32, 33 u 34, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex.

6. Illi dawn il-kuntratti ta' bejgh jammontaw ghal donazzjonijiet simulati maghmula mid-decujus Carmelo u Carmela Camilleri lill-istess binthom Lucia Vella u lil zewgha Carmelo Vella billi huma maghmula bi prezz li bl-ebda mod ma jirrifletti r-realta' kummercjali u b'valuri rizorji u b'hekk jidher evidenti l-animu tad-decujus li javvantaggjaw lil binthom Lucija Vella u lil zewgha Carmelo Vella a skapitu u dannu tal-legittima, illum porzjoni riservata, spettanti lill-atturi.

7. Illi oltre minn dan fit-testment tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok D), atti Nutar Guzeppi Caughi, l-unika proprjeta' li kienu fadlilhom il-konjugi Camilleri giet ukoll bit-Tielet Artikolu prelegata lill-istess Lucia Vella b'titolu ta' legat remuneratorju liema mmobbli tikkonsisti fil-lok ta' djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel bin-numru tmienja u hamsin (58), u bieb iehor minghajr numru u kollox imiss tramuntana ma' beni ta' Guzepp Camilleri, punent Triq Ghajn Melel u lvant ma' beni ta' Victor Carnemolla. Illi dan il-prelegat remuneratorju thalla wkoll sabiex jigu zvantaggjati l-atturi wkoll ghad-dannu tal-legittma, illum porzjoni rizervata, spettanti lill-atturi.

8. Illi ghalhekk prattikament fl-eredita' tal-istess konjugi Carmelo u Carmela Camilleri ma baqa' l-ebda mmobbli jew oggett ta' valur sostanzjali.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara simulati u ghalhekk ammontanti ghal donazzjonijiet 'il fuq imsemmija kuntratti u cioe' z-zewg kuntratti ta' bejgh – wiehed tal-hdax (11) t'Ottubru 1979 (atti Nutar Emanuel George Cefai) (Dok I) li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu bil-prezz ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) il-bicca raba msejha "Ta' Ghajn Melel", fil-kuntrada ta' Ghajn Melel, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u sittax-il metru kwadru (116m$^2$) u tmiss lvant ma' beni ta' Michelangelo Cassar, nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Emmanuele Cini, punent mat-triq, u l-iehor tad-29 t'April 1988 (Atti Nutar Michael Refalo) (Dok M) u li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu u ttrasferixxew id-dar fiz-Zebbug, Ghawdex, fi Triq Skapuccina numru wiehed u tletin (31) bil-bibien ohra bin-numri 32, 33, 34 bil-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) kif ukoll il-legat remuneratorju tal-lok tad-djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel bin-numru tmienja u hamsin (58) u bieb iehor minghajr numru u kollox imiss tramuntana ma' beni ta' Guzepp Camilleri, punent Triq Ghajn Melel u lvant ma' beni ta' Victor Carnemolla.

2. Tillikwida l-assi ereditarji tad-decujus Carmelo u Carmela konjugi Camilleri billi tiddikjarahom li jikkonsistu f'dawk il-beni kollha li

jirrizultaw lilhom spettanti fid-data tal-mewt taghhom, kif ukoll f'dawk il-konferimenti ta' dawk il-kuntratti ta' bejgh li jammontaw ghal donazzjonijiet simulati maghmula mid-decujus Carmelo u Carmela Camilleri lill-istess binthom Lucia Vella u lil zewgha Carmelo Vella msemmija hawn fuq (Dok L u M) kif ukoll tal-legat remuneratorju tal-lok tad-djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel imholli bis-sahha tat-testment unica charta tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok D)

3. Tillikwida l-legittima ossija l-porzjoni riservata dovuta lill-atturi mill-wirt ta' 'l fuq imsemmija genituri taghhom Carmelo u Carmela Camilleri fit-termini tal-ligi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti u/jew kuraturi fl-eredita' gjacenti jassenjaw lill-attur l-legittima ossija l-porzjoni riservata hekk likwidata a favur taghhom.

5. Tikkundanna lill-konvenuti u/jew kuraturi tal-eredita' gjacenti jidhru fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' 'l fuq imsemmija legittima ossija porzjoni riservata.

6. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u tinnomina Nutar pubbliku ghall-istess fini u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-avukat Dr. Kevin Mompalao illi b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Awwissu 2011 gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-ereditajiet ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk filwaqt li ghal kull buon fini qed jopponi t-talbiet attrici qed jirrimetti ruhu ghall-provi li ser jigu prodotti, salv li jirrispondi ulterjorment wara li jkollu aktar informazzjoni fuq il-kaz odjern.

2. Illi dan kollu l-esponenti jixtieq f'dan l-istadju jinnota s-segwenti:-

   2.1. Illi jrid jigi pruvat mill-atturi li dawn ma ghamlu l-ebda atti d'erede.

   2.2. Illi l-prezzijiet tal-bejgh li l-atturi qed jghidu li huma simulati, jidhru prezzijiet gusti u reali, ghall-epoka li fiha saru t-tranzazzjonijiet.

   2.3. Illi fir-rigward tal-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1979 hija applikabbli l-preskrizzjoni estintiva ai termini ta' l-artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

   2.4. Illi minghajr pregudizzju ghal dan kwalsijasi simulazzjoni trid tigi pruvata bil-mod rigoruz u strett li titlob il-ligi, fejn il-bwona feda hija dejjem prezunta.

2.5. Illi fir-rigward tal-legat remuneratorju l-atturi jridu jippruvaw illi l-legatarji mhux veru rrendew servigi.

3. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-esponenti kuratur deputat; li jinsab fi grad li jikkonferma bil-gurament tieghu unikament dak fuq rispost.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti konjugi Vella illi ppremettew:

1. Illi l-fatti esposti fil-paragrafi 1 sa 5 tal-premessi tar-rikors guramentat m'humiex ikkontesatati.

2. Illi t-talbiet huma mproponibbli kontra l-eccipjenti billi dawn, ghalkemm zammew ferm il-jedd taghhom ghal-legat rimuneratorju favurihom irrinunzjaw ghall-wirt (ex. Art. 862(2) Kod. Civ.) u ghalhekk jitqiesu bhalikieku ma kienu qatt werrieta (vide Art. 862(1) ibid.).

3. Illi l-kontenut ta' paragrafu 6 tal-premessi tar-rikors promotur jikkonsisti f'allegazzjonijiet inveritjeri ghall-ahhar in kwantu mhux minnu li l-prezz ma jirriflettix il-valur kummercjali taz-zmien li fih saru l-kuntratti ta' bejgh u ghalhekk wisq inqas huwa minnu li l-istess kuntratti jammontaw ghal donazzjonijiet simulati.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-ahjar ipotesi ghall-atturi l-kuntratt *de quo agitur* jistghu jitqiesu mhux bhala donazzjonijiet simulati izda bhala kuntratt essenzjalment oneruz imsejjah *negotium mixtum cum donatione.*

5. Illi l-prelegat imsemmi f'paragrafu 7 tal-premessi tar-rikors guramentat huwa tabilhaqq rimuneratorju u misthoqq, billi l-konvenuta Lucia Vella rrendiet kuri, servigi u assistenzi ferm estensivi u li kienu jirrikjedu sagrificcji kbar ghaliha u ghall-familja taghha lill-genituri taghha ghal snin twal. Ghalhekk jifforma debitu tal-assi ereditarju tad-defunti konjugi Vella u kwindi m'ghandux jigi mdahhal bhala attiv fil-massa ereditarja ghall-fini ta' kalkolu tal-legittima.

6. Illi t-tieni talba hija guridikament insostenibbli, billi ghall-iskop tal-komputazzjoni tal-legittima, tonqos li titlob li jiddahhal fil-massa ereditarja dak kollu li t-testaturi ddisponew matul hajjithom b'titolu gratuwitu lill-atturi anke b'kontemplazzjoni ta' zwieg (Art.620(1) Kod.Civ.) kif ukoll tonqos milli titlob li jinqata' mis-sehem riservat dak kollu li l-atturi hadu minghand it-testaturi u li huwa suggett ghall-kollazzjoni (Art.620(4) ibid.).

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-assi ereditarji hemm bizzejjed assi mnejn jista' jithallas is-sehem rizervat pretiz mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez a karigu taghhom.

L-atturi qeghdin minn issa stess jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat in-nomina tal-Perit Henry Attard fil-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2011 u verbali sussegwenti li rrelata permezz ta' tliet rapporti (fol. 58, fol. 89, fol. 271) u nota/rapport addizzjonali (fol. 410) dwar il-valuri tal-proprjetajiet tad-decujus u dawk trasferiti lill-konvenuti konjugi Vella *inter vivos.*

Rat in-nomina tal-Periti Addizzjonali permezz tal-verbal datat 16 ta' Mejju, 2014 u r-rapport taghhom a fol. 244 tal-process. Rat ukoll l-eskussjoni tal-Periti addizzjonali a fol. 564 et seq tal-process.

Rat illi permezz tan-nota ta' sottomissonijiet taghhom l-atturi stante l-valur moghti mill-Periti kollha nominati lill-proprjeta' trasferita permezz tal-kuntratt datat 11 ta' Ottubru, 1979 iddikjaraw li m'ghadhomx qed jinsistu li permezz tal-ewwel talba taghhom jigi dikjarat simulat l-istess kuntratt filwaqt li jzommu l-ewwel talba ferma fil-bqija. Rat illi per konsegwenza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-kuratur tal-eredita' gjacenti b'referenza ghall-istess kuntratt hija ormai sorvolata.

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Marzu, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fit-termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservata mill-wirt ta' Carmela u Carmelo Camilleri li jigu n-nanniet ta' l-atturi Camilleri ulied binhom mejjet Joseph Camilleri u l-genituri tal-atturi Anthony Camilleri, Theresa Xuereb u tal-konvenuta Lucia Vella. Il-konjugi Camilleri kellhom wild ohra Maria Attard li izda giet nieqsa qabilhom u mietet minghajr ulied.

Illi l-atturi jsostnu li tul hajjithom Carmela u Carmelo Camilleri iddisponew, dejjem skont l-atturi, mill-gid kwazi kollu taghhom billi bieghu zewg proprjetajiet lill-konvenuti Vella skond huma ghall-prezzijiet irrizorji w'ghalhekk isostnu li l-bejgh kien wiehed simulat filwaqt li jsostnu li l-konvenuti Vella mhux minnu li rrendew servigi lill-konjugi Carmela u Carmelo Camilleri li jimmeritaw il-hlas permezz ta' legat tal-fond residenza tal-istess konjugi Vella li jgib l-indirizz 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug. Jitolbu ghalhekk permezz tal-ewwel talba taghhom li din il-Qorti tiddikjara l-atti simulati u ghalhekk ammontanti ghal donazzjonijiet. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi rtiraw il-pretensjoni taghhom f'dan is-sens fir-rigward tal-proprjeta' trasferita permezz tal-kuntratt datat 11 ta' Ottubru, 1979 konsistenti f'bicca raba' fi Triq Ghajn Melel, limiti taz-Zebbug izda zammew ferm il-bqija tat-talba.

Illi konsegwentement ghall-ewwel talba taghhom l-atturi jitolbu li din il-Qorti tillikwida l-assi tal-mejta konjugi Camilleri bl-inkluzjoni tal-proprjetajiet li fuqhom insistew fl-ewwel talba taghhom u tghaddi sabiex tillikwida l-porzjon riservata dovuta lill-atturi. Konsegwentement jitolbu kundanna tal-konvenuti u/jew tal-kuratur tal-eredita' gjacenti li gie nominat fil-persuna tal-Avukat Dr. Kevin Mompalao konvenut ukoll fil-kawza odjerna sabiex jassenjaw lill-atturi l-porzjon riservata kif hekk likwidata favur taghhom u talbiet relatati u sussegwenti.

A fol. 29 sa 33 tal-process gew esebiti kopja tan-nota ta' rinunzji ghall-eredita' tal-konjugi Camilleri da parti tal-atturi salv id-dritt ghall-hlas tal-porzjon riservat li permezz tat-testment datat 4 ta' Marzu, 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi kienu gew nominati bhala werrieta universali tal-eredita' flimkien mal-konvenuta Lucia Vella.

A fol. 36 tal-process giet esebita wkoll kopja tar-rinunzja ta' Lucia Vella, il-konvenuta, ghall-istess eredita' fejn izda zammet ferm id-dritt taghha ghall-prelegat imholli lilha liema prelegat jaqra kif isegwi:

*"It-testaturi b'titolu ta' prelegat barra minn sehmha jhallu a favur ta' binthom Lucia Camilleri, xebba, il-lok ta' djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel fin-numru tmienja u hamsin (58) u bieb iehor minghajr numru u kollox imiss mit-tramuntana ma' beni ta' Giusepp Camilleri, punent Triq Ghajn Melel, lvant ma' beni ta' Victor Carnemolla u nofsinhar ma' art ohra tat-testaturi mdawwra bil-kantun u li mhix fil-legat. Il-lok legat jikkomprendi bitha u tidhol ghaliha mill-bieb ta' bla numru u l-lok legat ghandu kantina tahtu. U fuq il-fond hekk legat it-testaturi jimponu pis reali u in perpetwu u minn sena wara l-mewt tas-superstiti testatur ta' zewg quddisiet baxxi bl-elemosina korrenti pro tempore fl-imsemmi rahal taz-Zebbug ghar-ruh u skont il-pija ntenzjoni tat-testaturi, u bl-obbligu fiha prelegatarja Lucia*

*Camilleri illi tippresta lit-testaturi s-servizzi u assistenzi kollha li huma jkollhom bzonn sad-data tal-mewt taghhom".*

Illi l-konvenuti konjugi Vella jirribattu ghat-talbiet tal-atturi billi fil-mertu jsostnu li l-kuntratti ta' bejgh ma kienux simulati anzi l-prezzijiet jirriflettu l-valuri kummercjali taz-zmien li fihom saru l-kuntratti u li fl-ghar ipotesi l-kuntratti ma jistghux jitqiesu bhala donazzjonijiet simlutati izda bhala kuntratt essenzjalment oneruz '*negotium mixtum cum donatione*'. Fil-rigward tal-prelegat jinsistu li huwa tabilhaqq wiehed remuneratorju u misthoqq billi l-konvenuta Lucia Vella rrendiet bosta kuri, servigi u assistenzi lill-genituri taghha w'ghalhekk dan il-legat ghandu jitqies bhala debitu tal-eredita' in kwistjoni fil-kalkolu tal-porzjon riservata. Isostnu wkoll li fl-assi ereditarji hemm bizzejjed assi mnejn jithallas is-sehem rizervat pretiz mill-atturi kollha.

Il-kuratur tal-eredita' gjacenti da parti tieghu filwaqt li jeccepixxi li huwa mhux edott mill-fatti jeccepixxi wkoll li l-prezzijiet fil-kuntratti in kwistjoni jidhru reali u gjusti ghall-epoka li fih saru u li l-prova sabiex kuntratt jigi pruvat li kien simulat ghandha tkun wahda rigoruza stante li l-buona fede f'dawn il-kuntratti hija dejjem prezunta. Dwar is-servigi jinsisti li ghandhom ikunu l-atturi li ghandhom iressqu prova li s-servigi da parti tal-konvenuta Lucia Vella mhux minnu li gew prestati.

**Fatti:**

Illi mill-atti l-fatti li jidhru li mhux kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Illi Carmela Camilleri nee' Attard, mart Carmelo Camilleri, omm il-partijiet, mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007). Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment unica charta tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) esebit a fol. 11 et seq tal-process;

2. Illi Carmela Camilleri kienet sopravissuta mir-ragel taghha Carmelo Camilleri u tliet uliedha cioe' l-atturi Anthony Camilleri u Theresa mart John Xuereb u l-konvenuta Lucia mart Carmelo Vella. Iz-zewg uliedha l-ohra Joseph Camilleri u Maria Attard kif gia accennat aktar 'il fuq kienu diga' mejta fejn filwaqt li Maria Attard ma halliet l-ebda ulied, Joseph Camilleri kellu tliet ulied Domenic, Ronnie u Noel ahwa Camilleri atturi odjerni;

3. Illi tliet snin wara l-mewt ta' martu, fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) miet missier il-kontendenti Carmelo Camilleri. Huwa wkoll irregola s-successjoni tieghu permezz tal-istess testment unica charta li ghamel flimkien ma' martu Carmela Camilleri fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1997) esebit a fol. 11 et seq tal-process;

4. Illi kif gia accennat aktar 'il fuq Carmelo u Carmela konjugi Camilleri fit-testment taghhom tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1997) (fol. 11) hallew prelegat remuneratorju lill-konvenuta Lucia Vell u nnominaw lill-erba' uliedhom Joseph, Anthony, Theresa u Lucia bhala werrieta universali taghhom;

5. Illi matul hajjithom il-konjugi Carmelo u Carmela Camilleri ghamlu zewg kuntratti ta' bejgh lill-konvenuti konjugi Vella, wiehed li jgib id-data tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1979) fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai u li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu bil-prezz ta' elf u hamsin Lira Maltin (Lm1,050) bicca raba' msejha 'ta' Ghajn Melel' fil-kuntrada 'Ta' Ghajn Melel' fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex u tal-kejl ta' cirka mija u sittax-il metru kwadru (116 m.k.) esebit fl-atti a fol. 25. It-tieni kuntratt ta' bejgh sar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo u li permezz tieghu l-konjugi Carmelo u Carmela Camilleri bieghu lill-esponenti Carmelo u Lucia konjugi Vella d-dar bin-numru wiehed u tletin (31) (32, 33, 24) fi Triq Skapuccina, fiz-Zebbug, Ghawdex bil-prezz ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) (kopja esebita a fol. 27 tal-process).

6. Jirrizulta mir-rinunzji esebiti li l-atturi kollha ddecidew li ma jaccettawx l-eredita' ta' ommhom u missierhom Carmelo u Carmela konjugi Camilleri u minflok talbu l-porzjon riservata ossija l-legittima skont il-Ligi.

7. Wara li giet intavolata l-kawza odjerna giet prezentata mill-konvenuti lista ta' proprjeta' tad-decujus oltre dik mibjugha jew mhollija b'legat lill-konvenuti Vella (ara n-nota a fol. 127 et seq tal-process). Din il-proprjeta' giet valutata mill-Perit Tekniku Henry Attard fir-rapport tieghu a fol. 271 et seq tal-process kif sussegwentement korrett permezz tan-nota addizzjonali tieghu esebita a fol. 410 et seq tal-process. Skont dan ir-rapport, il-proprjeta' immobbli tad-decujus mehuda flimkien (oltre dawk

in kontestazzjoni cioe' dik fi Triq Skapuccina mibjugha ghas-somma ta' Lm5,000 lill-konvenuti u l-proprjeta' mholliha b'legat fi Triq Ghajn Melel) ghandha valur globali ta' aktar minn Lm160,000. Wara din il-konstatazzjoni tal-proprjeta' li ghadha formani parti mill-ereditajiet tad-decujus il-Qorti tinnota li gia tinsab kontradetta t-tmien premessa tal-atturi fir-rikors guramentat taghhom fejn sostnew li wara l-bejgh u l-legat lill-konvenuta Vella l-eredita' tal-konjugi Camilleri ma baqa' l-ebda mmobbli jew oggetti ta' valur sostanzjali!

Illi fil-bqija l-partijiet ma jaqblux fuq il-fatti pretizi minn kull parti:

i) L-atturi jsostnu li r-rinzunja ghall-wirt da parti ta' Lucia Vella li saret ftit granet wara r-rinunzja taghhom fl-istess xahar ta' April, 2011 mihijiex wahda valida. Da parti taghha Lucia Vella rrinunzjat ghall-wirt permezz tan-nota esebita a fol. 33 tal-process izda l-atturi jinsistu li hija fil-frattemp lahqet ghamlet atti ta' eredi allura dejjem skont l-atturi r-rinunzja taghha mihijiex wahda valida.

Illi da parti taghhom l-atturi dwar dan il-punt fis-sottomissjonijiet taghhom jissottomettu kif isegwi:

*'Illi huwa utili illi qabel xejn tigi ndirizzata l-ewwel eccezzjoni proprja tal-konvenuta Lucia Vella illi hija rrinunzjat ghall-wirt u ghalhekk ghandha titqies bhallikieku qatt ma kienet werrieta billi din timpingi fuq min mill-konvenuti huwa l-legittimu kontradittur tat-talba attrici ghall-hlas tas-sehem rizervat, ossia jekk il-hlas ghandux isir mill-konvenuta Lucia Vella jew mill-kuratur tal-wirt.*

*Illi jidher hawnhekk li din l-eccezzjoni qed tirreferi ghan-nota pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Volontarja) tas-26 ta'April 2011 (a fol 36 tal-process), li permezz taghha Lucia Vella ddikjarat li qeghdha tirrinunzja ghall-eredita' tal-genituri taghha Carmelo u Carmela Camilleri filwaqt li zammet ferm il-jedd ghall-prelegat.*

*Illi filwaqt illi l-konvenuta tippretendi li kellha d-dritt tirrinunzja ghall-wirt, hija l-fehma umli tal-esponenti illi r-rinunzja taghha tas-26 ta'April 2011 hija tardiva billi hija kienet fil-pussess ta' hwejjeg tal-wirt, u ghalhekk ir-rinunzja hija invalida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk ghandha tkun l-istess konvenuta Lucia Vella li tigi kkundannata thallas il-legittima lill-atturi.*

*Illi skont ma jipprovdi l-Artikolu 869 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*"869. B'dak kollu li jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejħin għall-wirt, **illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni** jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju wkoll jekk kontra dan jgħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor".*

*Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs. Diane Lesley Vella et**, deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2008 (Citazzjoni Numru 1151/1998/1). F'din il-kawza, il-Qorti wara li fissret x'jghid l-Artikolu 869 tal-Kodici Civili surriferit, u wara li kkunsidrat illi l-konvenuti kienu semplicement fil-pussess ta' shares li kellu t-testatur missierhom f'kumpannija, sabet illi n-nota ta' rinunzja ghall-wirt tieghu maghmula mill-konvenuti ahwa Vella fil-21 ta' Gunju 2006 kienet tardiva u ghalhekk invalida. L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kkonkludiet hekk:*

***"Skont l-artikolu 869 tal-Kap. 16 l-imsejhin ghall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuh tas-successjoni, jew minn dak inhar li jkunu jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt.***

***Fil-kaz in ezami l-ahwa Vella huma fil-pussess tas-shares li kellu missierhom fil-kumpanija (ara xhieda Charles Attard) u ghalhekk issa ma jistghux jirrinunzjaw ghal dan il-wirt wara li ghadda dan iz-zmien kollu."***

*Illi fil-kaz de quo t-testatur Carmelo Camilleri miet fit-30 ta' Mejju 2010 filwaqt li t-testatrici Carmela Camilleri mietet fl-24 ta' Lulju 2007. Il-konvenuti kienu fiz-zmien wara li zzewgu thallew jghixu fil-fond bin-numru 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug, li kien proprjeta' tal-mejtin Carmelo u Carmela Camilleri, u ghadhom qed jghixu hemmhekk sal-lum. Dan jikkonfermah il-konvenut Carmelo Vella fil-kontro-ezami tieghu tal-14 ta' Dicembru 2017 u l-konvenuta Lucia Vella fil-kontro-ezami taghha tat-13 ta' Frar 2013.[1] Ghalhekk huwa ovvju u car daqs il-kristall li l-konvenuta kienet fil-pussess ta' hwejjeg tal-wirt meta nfethet is-successjoni mal-mewt tat-testaturi (Artikolu 831 tal-Kap. 16).*

*Illi, apparti minn hekk, kif tikkonferma Lucia Vella stess, hija kienet u ghadha fil-pussess ta' l-ghamara kollha ta' ommha u missierha, li fil-maggor parti taghha tinsab fil-fond bin-numru 31, Triq Skapuccina fiz-Zebbug, Ghawdex, liema fond l-konvenuti jinsistu li akkwistaw*

[1] Fatt li gie wkoll ampjament kkonfermat minn xhieda ohra fosthom dik ta' Josephine Saliba tal-20 ta' Mejju 2016, mil-Archipriet Dun Rueben Micallef fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Mejju 2016, dik ta' Jennifer Vella tal-20 ta' Mejju, u dik ta' Diane Tagliaferro li xehdet permezz ta' affidavit.

*b'kuntratt ta' bejgh minghand l-mejtin genituri ta' Lucia fit-28 t'April 1988. Fix-xhieda tal-konvenuta tat-13 ta' Frar 2013 inghad hekk: "Mistoqsija l-ghamara li kellhom ommi u missieri...ghand min tinstab, fil-pussess ta' min tinstab, nghid li ghadha fil-fond 31 Triq Skapuccina...". Fil-fatt kienet ukoll il-konvenuta li pprezentat l-elenku u stima a fol. 150 tal-process.*

*Illi hawnhekk ssir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Rodney Testa ezercenti l-kummerc bl-isem TechnoWorld vs. Lorraine Farrugia** deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Novembru 2013 (Avviz Numru. 250/2013) fejn il-Qorti qieset li anke l-uzu ta' televixin tat-testatur kien bizejjed sabiex iffiser li l-wirt kien gie ghalhekk mghoddi lil werrieta li ghamlet tali uzu:*

*Ir-rikorrenti kienet taf li dan it-television kien jappartjeni lit-tifel (ghaliex kienet taf li kien xtrah hu) u fil-fatt qaghdet tgawdih ghall-perjodu twil u cioe' kwazi tlett snin u cioe' minn meta miet mit-22 ta' Mejju 2010 sakemm iddecidiet li tiddepozitah taht il-ksutodja tal-Qorti pemezz ta' cedola nhar it-28 ta' Awwissu 2013 (Cedola Nru: 1634/13). Ghalhekk lahaq ghadda zmien konsiderevoli u kien meta l-intimat fittixha ghall-bilanc li hija iddecidiet li ma taccettax il-wirt spettanti lilha u tagixxi sabiex tipprezenta ir-rinunzja relattiva. L-istorja kienet tkun ferm differenti jekk wara li miet it-tifel, fi zmien it-tlett xhur preskritti mill-ligi, pprezentat id-dikjarazzjoni ta' renunzja taghha jew adirittura iddepositat it-television taht il-kustodja tal-Qorti sabiex tesimi ruhha minn kwalsiasi responsabbilta' pero' dan m'ghamlitux.*

*Jinghad b'dispjacir li effettivament agixxiet tard wisq u ghalhekk il-wirt kien lahaq gie mghoddi lilha u lil missier it-tifel."*

*Illi dan apparti l-fatt li l-konvenuti stess ammettew li skonthom Lucia Vella hija eredi. Carmelo Vella in kontro-ezami[2] meta mistoqsi "Lucia hija werrieta skond int?" irrisponda "hekk nahseb", u ta' l-istess fehma kienet l-konvenuta, hekk kif fil-kontro-ezami taghha maghmul fl-istess jum hija wiegbet bi precizament l-istess kliem ghall-istess mistoqsija. Aktar importanti min hekk, f'ittra mibghuta lil bank HSBC ghan-nom tal-konvenuta Lucia Vella (Dok. MG2 a fol. 127 tal-process) datata l-14 ta' Settembru 2012, li permezz taghha intalab rendikont tal-kontijiet bankarji tal-genituri li jezistu ma' dan l-istess bank, **il-konvenuta Lucia Vella hija espressament irriferuta bhala 'werrieta'.** L-istess fl-ittra lill-BOV fl-istess data esebita mir-rappresentant tal-bank Alfred Pisani waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2013. Dawn id-dikjarazzjoniet ghalhekk jikkostitwixxi rikonoxximent espress minnha stess li l-konvenuta Lucia Vella hija eredi tat-testaturi.*

*Ili, stante dan kollu ghalhekk, hija l-fehma umli tal-esponenti illi r-rinunzja tal-konvenuta ghall-wirt ta' ommha u missierha li saret ftit qabel ma ntefhet din il-kawza hija invalida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk ghandha tkun il-konvenuta Lucia Vella u mhux il-kuratur konvenut li tigi kkundannata thallas il-legittima dovuta lill-atturi.'*

Illi dwar dan il-punt il-konvenuti da parti taghhom fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu kif isegwi:

[2] Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2017.

*'Illi l-atturi fin–nota taghhom isostnu li l-esponenti kienu fil-pussess ta' hwejjeg tal-wirt meta nfethet is-successjoni tal-mewt tat-testaturi u dan a bazi ta' erba' (4) ragunijiet moghtija minnhom fl-istess nota taghhom u li huma :-*

*i) Huma (il-konvenuti konjugi Vella) kienu u ghadhom jghixu fil-fond bin-numru 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex sallum;*
*ii) Lucia Vella ghandha fil-pussess taghha l-ghamara li hemm fil-fond bin-numru 31, Triq Skapuccina fiz-Zebbug, Ghawdex;*
*iii) Ghaliex fil-kontro-ezami meta mistoqsi jekk Lucia Vella hix werrieta zewgha Carmelo Vella wiegeb 'Hekk nahseb';*
*iv) U ghaliex f' ittra lil HSBC datata erbatax (14) ta' Settembru 2012 mibghuta mill-legali ta' Lucia Vella, dan talab rendikont tal-kontijiet bankarji tal-genituri taghha u fl-ittra Lucia Vella giet espressament riferuta bhala 'werrieta';*

*Illi l-esponenti ma jaqblux ma dak sottomess mill-atturi ghaliex l-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet moghtija mill-atturi fin-nota taghhom ma jirrenduhom werrieta jew jirrendu n-nota ta' rinunzja ghall-wirt bhala wahda nulla u dan ghar-ragunijiet segwenti:-*

*a) Il-fond bin-numru 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug thalla b' legat remuneratorju lill-konvenuta Lucia Vella (ara t-tielet (3) artiklu tat-testment unica charta ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri). L-istess Lucia Vella* ***irinunzjat ghal wirt tal-genituri taghha izda zammet ferm id-dritt taghha fuq dan il-legat remuneratorju****. Dan huwa permessibbli legalmet. Huwa car u dokumentat li meta Lucia Vella irrinunzjat ghall-wirt tal-genituri taghha zammet ferm id-dritt fuq dan il-legat remuneratorju;*

*b) Il-fond 31 Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex gie mixtri mill-esponenti permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988). L-atturi ntalbu jaghmlu elenku tal-ghamara li hemm fil-fond indikat u b'nota tas-17 ta' Settembru 2012 esebita Dok VG 23 a fol 150 tal-process pprezentaw din in-nota. Bl-ebda mod u imkien huma ma ddikjaraw li din hija ghamara proprjeta' ta' Carmelo u Carmela Camilleri izda li hija ghamara li hemm fil-fond hawn fuq indikat u liema fond huwa taghhom ghaliex gie mixtri minnhom kif spjegat. Ghaldaqstant huwa aktar milli ovvju li minn dik id-data 'l quddiem dan il-fond b'dak li kien fih sar proprjeta' tal-konvenuti Lucia u Carmelo Vella. B' hekk kull ghamara li kien hemm f'dan il-fond saret proprjeta' taghhom u ma hix parti mill-wirt tal-genituri taghhom. Infatti Lucia Vella fix-xhieda taghha fit-13 ta' Frar 2013 (fol 187 tal-process) dwar l-ghamara tghid:-*

*"Nghid li kien hemm xi bicctejn ghamara li kienu mimlijin bis-susa u ovvjament jien u zewgi* ***kwalunkwe ghamara li hemm fil-fond hija mixtrija kollha minni u minn zewgi****".*

*L-atturi ma gabu l-ebda prova kuntrarja li turi li meta l-konvenuti konjugi Vella xtraw il-fond ma xtrawx ukoll dak li kien hemm fih. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak espress mill-atturi fin-nota taghhom, din l-ghamara saret proprjeta' tal-konvenuti konjugi Vella tlieta u ghoxrin (23) sena qabel saret din il-kawza u ghalhekk dan ma jikkostitwixxi l-ebda atti di erede.*

*c)  Jekk persuna tkunx assumiet il-wirt u ghamlet atti di erede jew le ma jigix minn risposta semplici waqt kontro-ezami. Ir-risposta "Hekk nahseb" ta' Carmelo Vella jekk martu hix werrieta tal-genituri taghha bl-ebda mod ma tirrendi lil Lucia Vella bhala persuna li accettat il-wirt tal-genituri taghha. Meta Carmelo Vella kien qed jirrispondi waqt il-kontro-ezami pogga lil martu u hutha l-ohra kollha, cioe' l-atturi bhala werrieta. (fol 12 u 13 tal-kontro-ezami ta' Carmelo Vella illi sar fl-14 ta' Dicembru 2017).*

*"L-Avukat Paul Cachia :- ….Din l-ghalqa tal-Blata, intkom, intkom, inti Lucija, tikkunsidra li ghandha sehem minnha?*
*Ix-Xhud :- Jekk inhu tal-qasma. Jien ma nafx xinhi dik.*
*L-Avukat Paul Cachia:- Jigifieri…*
*Ix-Xhud :- Dik mhix taghna.*
*L-Avukat Paul Cacha:- Ta min hi?*
*Ix-Xhud : Tal-werrieta.*
*L-Avukat Paul Cachia :- Tal-werrieta.*
*Ix-Xhud :- Mhux ta' hutha!*
*L-Avukat Paul Cachia :- Jigifieri ghalihom…..*
*Ix-xhud :- U hi maghhom!"*

*Huwa ovvju minn dak li kien qed jigi mistoqsi li Carmelo Vella kien qed jirreferi ghall-ahwa kollha bhala l-werrieta nkluz martu meta l-ahwa kollha kienu rrinunzjaw ghall-wirt. Johrog car li kien qed juza l-kelma werrieta fis-sens wiesa' taghha u mhux b' mod legali. Dan wahdu zgur li ma jwassalx biex Lucia Vella tigi meqjusa bhala li ma setghetx tirrinunzja ghall-wirt jew li ghamlet atti di erede.*

*Infatti l-konvenuti ma gabu l-ebda prova illi hija ghamlet xi att wiehed li permezz tieghu wriet l-intenzjoni taghha li tassumi l-wirt.*

*d)  Dak li nkiteb mil-legali tal-esponenti f'ittra lill-bank biex igib informazzjoni dwar dak li hallew id-decujii bl-ebda mod ma jikkostitwixxi atti di erede. Se mai jista' jigi kwalifikat bhala att ta' amministrazzjoni illi huwa differenti minn att de erede u bl-ebda mod ma jikkwalifika biex jirrendi lil Lucia Vella f'posizzjoni li accettat il-wirt. Huwa ovvju li f' din l-okkazzjoni l-kelma 'werrieta' ntuzat b'mod generali u wiesa' biex tkun tista' tingabar l-informazzjoni kollha necessarja ghal din il-kawza.*

*L-artiklu 850 tal-Kodici Civili (Kap 16) jipprovdi li accettazzjoni tal-wirt tista' tkun espressa jew tacita; "hija tacita, meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt, u li ma kienx ikollu il-jedd li jaghmel jekk mhux werriet".*

*Ghal dik li hi accettazzjoni, l-att fih innifsu mhuwiex bizzejjed biex jaghti lok ghall-accettazzjoni. Dan in kwantu minn dak l-att irid jirrizulta li l-werriet ried jaccetta l-wirt. Fil-kawza '**Maria Stella Hili et vs Carmelo Cilia**' deciza fid-19 ta' Jannar 1956 – Vol. XL.ii.691 – nsibu*
*"hemm bzonn, kif stabbilit mill-gurisprudenza, **illi jkun hemm il-volonta' u l-intenzjoni li b' dan l-att tigi accattata l-eredita', u ta' dan trid issir il-prova univoka, b' mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni ohra ta' dak l-att** (v.Kollez. XXIX.i.1179) u App. Civ. 2.3.1951 (inedita) in re Giorgia Zammit vs Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio)".*

*Huwa car mill-gurisprudenza taghna li jrid ikun hemm prova cara li l-accettazzjoni trid tkun necessarjament turi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi haga li qatt ma giet ippruvata li kellha Lucia Vella f'din il-kawza.*

*Dan ikompli jigi affermat fid-decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Magistrat Anthony Ellul fil-21 ta' April 2008 fic-Cit Numru 53/2007 fejn nsibu :-*

*"**L-oneru tal-prova qieghed fuq min jallega li kien hemm accettazzjoni**; fil-kaz taghna l-konvenuti. **L-accettazzjoni trid tkun necessarjament tippresupponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita 'dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita'**. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri' (Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs Nobbli Charles Vella Bonavita et, Prim Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966".*

*F' kawza ohra fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952 (Vol. XXXIV.ii.475) gie kkonfermat li mill-att trid tirrizulta l-volonta' tas-successibbli li jaccetta l-wirt, fis-sens li :-*

*"mhux bizejjed li l-att jirrileva ntenzjoni kwalunkwe, **dak li l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u nekwivokabbli l-volonta' f'min jaghmlu li jaccetta l-wirt.** Magistralment f' dan ir-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta Taghha r-Regina fil-kawza Azzopardi vs Mallia deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre secondo l' antico diritto basteva per l'accettazzione dell'eredita' un atto qualunque esprimente la volonta' d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita', **il dritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferirie l'accettazzione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare** (Kollz. XXIII.i.254)".*

*F' din id-decizjoni l-Qorti kompliet tghid li fid-dubju l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza:- "**L-att kompjut ghandu jkun essenzjalment univoku b' mod li ma jhalli assolutament ebda dubbju li s-successibbli, meta ghamel l-att, ma setax kellu ntenzjoni ohra hlief dik li jaccetta l-eredita', u jekk dak l-att seta' ghamlu alio titulo jew mhux b' dik l-intenzjoni, l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza**".*

*Minn ezami tal-provi migjuba, kif ukoll dak sottomess mill-atturi fin-nota taghhom, jirrizulta b'mod car li Lucia Vella ma ghamlet l-ebda att b'intenzjoni li tkun werrieta anzi halliet dak kollu li hallew il-genituri taghha kif hallewh u ma messet xejn mill-wirt ghajr dak li thalla lilha b' legat remuneratorju u li kienet xtrat minghand id-decujii hafna snin qabel dawn mietu.*

*Dan il-kuncett assodat fil-gurisprudenza taghna jkompli jigi konfermat fis-sentenza moghtija mill-Magistrat Anthony Ellul fl-20 ta' Jannar 2009 fir-Rik Numru 31/2008 fl-ismijiet **Marjano Pace pro et noe et vs Carmelo Pace et** fejn nsibu:-*

*".....L-att li jwassal ghall-accettazzjoni tacita ta' eredita' jehtieg li juri l-intenzjoni tal-parti li taccetta dak il-wirt. Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Philip*

*Sciberras) fil-kawza Orazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, '**Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita"**. U l-prova li att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega u li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri". (Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs Nobbli Charles Bonavia et – Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni fl-ismijiet "Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia et – Appell Civili, 30 ta' April 1962".*

*F'sentenza preliminari li nghatat mill-Magistrat Josette Demicoli fl-24 ta' Settembru 2013 fil-kawza **Emanuela Buttigieg vs Rosa mart Francesco Said et** (Citazzjoni Numru 39/1965) u li tinsab quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta l-Qorti kkonkludiet hekk:-*

*"Il-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-intenzjoni ta' Emanuela Buttigieg kienet li taccetta l-wirt tal-genituri taghha. Il-fatt li r-raba' kien f'idejn Emanuela Buttigieg meta nfethet il-kawza mhux tali li jimplika b'mod necessarju u nekwivokabbli l-volonta' li kienet qed taccetta l-eredita', u b'mod li l-att ma jkunx konciljabbli ma' volonta u ntenzjoni diversa. Hekk kif intqal fis-sentenza succitata fl-ismijiet '**Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia et** 'Il-kwistjoni hi dejjem ta' apprezzament ta' att fic-cirkustanzi kollha tal-kaz. **Il-ligi turi, bi kliem rigoruz li tuza', dak li tezigi, cjoe' attijiet li ta' bilfors, necessarjament, u bla ma jhallu dubju, jippresupponu l-volonta' tal-accettazzjoni u tali li s-successibbli ma kienx ikollu ebda dritt li jaghmel hlief fil-kwalita' tieghu ta' eredi**".*

*L-atturi fin-nota taghhom isostnu li l-esponenti Lucia Vella ma mxietx mad-disposizzjoni tal-Artiklu 869 tal-Kodici Civili u cioe' peress li kellha fil-pussess hwejjeg tal-wirt kellha timxi mad-disposizzjoni ta' dan l-artiklu u taghmel l-inventarju fi zmien tliet xhur mill-ftuh tas-successjoni jew minn dakinhar li saret taf li l-wirt imiss lilha.*

*Illi l-esponenti jsostnu li dan ma kienx mehtieg peress li huma ma kellhom l-ebda pussess reali ta' hwejjeg tal-wirt. Kien jinkombi fuq l-atturi li jgibu l-prova li huma kellhom l-pussess reali ta' hwejjeg tal-wirt.*

*Illi fuq dan il-punt l-esponenti jaghmlu referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Magistrat Anthony Ellul – fl-20 ta Jannar 2009 fir-Rik Numru 31/2008 fl-ismijiet **Marjano Pace pro et noe vs Carmelo Pace et**. Il-Qorti qalet hekk :-*

*"….Madankollu l-Artiklu 852 tal-Kodici Civili jipprovdi: 'L-ordinijiet moghtija ghall-funerali, **l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt ghal xi zmien, ma jgibux l-accettazzjoni tal-wirt meta tkun ittiehdet ukoll il-kwalita' tal-werriet**". Fil-kawza **Paolina Fabri et vs Saverio Calleja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1988 (Volum XI.496) gie osservat li, "La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non e' punto inconcilabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con aministrazione definitva a proprio vantaggio." F' din is-sentenza saret riferenza ghal sentenza moghtija f' Nizza fil-11 ta' Mejju 1852 fejn gie spjegat li ma kellux jigi applikat l-artiklu 1007 tal-Codice Sardo (l-artiklu taghna 852 tal-Kodici Civili ttiehed mill-Codice Sardo) meta s-successibbli jibqa' jipposjedi beni li jkollu diga' in komun mal-mejjet, matul il-hajja tieghu. Fehma li giet abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell."*

*Jekk kien hemm xi haga li baqghet fil-pussess ta' Lucia Vella kien dak li kien mizmum in komun mal-mejtin Carmelo u Carmela Camilleri ghal diversi snin ghalkemm anke dan ma giex ippruvat. L-istess Lucia Vella ma wzat xejn mill-wirt a vantagg taghha u jekk ghamlet kienu biss atti ta' amministrazzjoni.*

*Minn dak sollevat jirrizulta illi l-esponenti Carmelo u Lucia konjugi Vella ma ghandhom fil-pussess taghhom l-ebda oggett li gej mill-wirt u li huma ma messew xejn minn dak imholli mill-genituri taghhom. Mill-provi migjuba rrizulta li flus depozitati ghandhom kollha hemm kif ukoll l-proprjeta' kollha elenkata mill-Periti Teknici, hlief ghal dik mixtrija mill-esponenti u dik mhollija b'legat remuneratorju, mhix fil-pussess tal-esponenti. Minkejja li hemm diversi porzjonijiet ta' raba' (ara rapport tal-Perit Tekniku) ma ngabet l-ebda prova li hemm xi wahda minn dawn fil-pussess ta' Lucia Vella. Oltre dan* ***l-atturi bl-ebda mod ma ppruvaw li l-esponenti konjugi Vella b' mod cert, necessarju u univoku ghamlu xi att li bih accettaw il-wirt ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri.*** *Se mai jekk saret xi haga din kienet biss att ta' amministrazzjoni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jsostnu li l-ewwel eccezzjoni taghhom ghandha tigi milqugha.'*

Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Vella u cioe' li Lucia Vella rrinunzjat ghall-wirt u li tali rinunzja hija wahda valida din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti Vella. Jirrizulta li l-fond li fih ilhom jghixu l-konvenuti ghall-perjodu oltre tletin sena u cioe' l-fond numru 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex thalla lil Lucia Vella bhala prelegat bhala hlas ghas-servizzi u assistenzi li hija kellha tippresta lilhom sad-data tal-mewt taghhom. Il-konvenuta rrinzunzjat ghall-wirt izda zammet ferm id-dritt ghal dan il-prelegat u ghaldaqstant il-fatt li hija baqghet tirrisjedi f'dan il-fond ma jistax jigi nterpretat bhala li hija accettat il-wirt. Dwar l-ghamara fil-fond numru 31 fi Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex ma tressqet l-ebda prova li dawn il-mobbli ma gewx trasferiti lill-konvenuti flimkien mal-bejgh tal-immobbli tant illi l-kuntratt ma jsemmi xejn f'dan ir-rigward u nonostante li l-kuntratt ilu li sar mis-sena 1988 ma jirrizultax li d-decujus qatt ippretendew li jinhargu l-mobbli mill-istess fond ghaliex kien ghadhom proprjeta' taghhom! Dwar il-mistoqsijiet li

saru in kontro-ezami lill-konvenuti jekk jahsbux li Lucia Vella ghadhiex werrieta tal-genituri taghha, il-Qorti wara li rat l-istess xhieda, ma tqisx li r-risposti taghhom jistghu jittiehdu bhala xi accettazzjoni cara jew att ta' eredi stante li deher car li l-konvenuti ma kienux qed jaghmlu distinzjoni bejn werrieta u wlied id-decujus fir-risposta taghhom. Finalment dwar l-ittra esebita a fol. 183 tal-process il-Qorti tinnota li din intbaghtet wara d-data tar-rinunzja tal-wirt mill-konvenuta u ntbaghtet mill-Avukat Dr. Grazio Mercieca bl-ghan li tingabar l-informazzjoni mill-bank ghall-kaz odjern. Fl-istess ittra jissemmew l-ahwa kollha u jinghad li huma lkoll eredi tal-konjugi Camilleri. Dan ma jfissirx li allura l-partijiet kollha odjerni li lkoll irrinunzjaw ghall-wirt ghandhom jitqiesu li accettaw il-wirt minhabba l-kliem uzat fl-ittra mhux minnhom izda minn rapprezentant legali.

Illi in vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis allura li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Vella hija gjustifikata.

ii) Il-partijiet ma jaqblux ukoll dwar il-valur tas-servigi rezi mill-konvenuta lill-konjugi Camilleri sa mewthom. Jirrizulta li l-fond 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug mholli appuntu bhala prelegat lil Lucia Vella lura permezz ta' testment redatt fis-sena 1977 gie valutat mill-periti perizjuri li fis-sena 2007 kellu l-valur ta' €230,000. L-atturi jsostnu li dan il-valur huwa wisq ghas-servigi li rrendiet Lucia Vella tul is-snin u ghalhekk dan il-pre-legat m'ghandux jitqies bhala dejn tal-eredita' w'ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini li tigi kalkolata l-porzjon riservata.

Illi ai termini tal-Kodici Civili s-servigi huma kkunsidrati bhala tip ta' kwazi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodici Civili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bhala:

*"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

Abbazi tal-principju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta servigi tesigi d-dritt li tigi kumpensata u dan ghar-raguni li hija tkun qed tarreka vantagg lill-persuna li tkun qeghdha tircievi tali servigi. Tul is-snin izda l-Qrati taghna varjaw il-mod kif iharsu lejn is-servigi u l-hlas taghhom.

Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et** deciza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 inghad kif isegwi:

*'Il-kumpens ghal servigi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tal-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu mportanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument*

*meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.'*

F'dan il-kaz kien gie ritenuti illi meta gew rezi s-servigi ma kienx hemm hsieb ta' hlas ghalihom u ghalhekk il-Qorti rrigettat it-talba ghal dak il-hlas'

Fil-kawza fl-ismijiet **Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 15 ta' Frar, 1958 inghad kif isegwi:

*'Azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil hadd iehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke' ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita', kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta' hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista' tigi ndotta l-*

*fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persuna li tigi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti.'*

Illi dwar il-kwantifikazzjoni tas-servigi johrog minn bosta gurisprudenza li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-punti segwenti:

(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna;
(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;
(iii) in-natura tas-servigi maghmula;
(iv) il-kedda u t-tbatija nvoluti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;
(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;
(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;
(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet;

Ara per ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et** deciza fit-28 ta' April 2011. Fl-istess sentenza l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddikjarat kif isegwi:

*"Minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta li fil-maggoranza tas-sentenzi l-kumpens qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela (vide sentenza* ***Anthony Catania vs Maria Agius*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru*

*2003 (Citaz 1381/1993). Fis-sentenza **Delicata vs Saliba** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1989, il-Qorti rriteniet illi s-servigi huma bazati fuq kwazi-kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Dan iwassal biex il-kumpens qatt ma jkun ekwivalenti tax-xoghol li sar."*

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 irriteniet kif isegwi:

*'Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tiltt darbiet fil-gimgha ghand id-decuius u taghmlilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-decuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' Lm 3 fil-gimgha.'*

Jirrizulta fil-fatt li f'sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Francis Mizzi et vs Roseann Galea et**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Mejju, 2016 il-Qorti tal-Appell wara li kkunsidrat li kienu verament gew prestati servigi estensivi minn zewg persuni b'mod kontinwu lill-persuna li kienet ma

tistax tohrog mis-sodda dik il-Qorti is-somma ta' €70 kull persuna ghal kull gimgha lill-persuni nvoluti.

Illi applikati l-prinicpji hawn fuq enuncjati ghall-kaz *de quo* ghal dak li huma servigi rezi jirrizulta lil din il-Qort kif isegwi:

a) Illi gia lura fis-sena 1977 meta sar it-testment unica charta tal-genituri tal-partijiet (fol. 11) u fiz-zmien li Lucia Vella kienet ghadha xebba (kif indikat fl-istess tesment) it-testaturi rrikonoxxew li kienet Lucia Vella li qed tipprestalhom servizzi u assistenzi kollha tant illi l-prelegat hallewh lilha bl-obbligu li hija tippresta dawn is-servizzi u assistenzi kollha sad-data tal-mewt taghhom. Minn dakinhar tat-testment sal-mewt tal-omm ghaddew tletin sena filwaqt li sad-data tal-mewt tal-missier ghaddew tlieta u tletin sena. Jirrizulta mill-provi migbura b'mod partikolari mix-xhieda tal-istess konvenuti f'bosta partijiet tal-process, ta' uliedhom David Vella (fol. 318) u Diane Tagliaferro (fol. 320) kif ukoll ta' diversi xhieda ohra fosthom l-Arcipriet Dun Reuben Micallef (fol. 331), Father Noel Saliba (fol. 337) u ta' Josephine Saliba (fol. 364) illi sa mill-bidu taz-zwieg taghha madwar tletin sena ilu l-konvenuta ddedikat hafna mill-hin taghha ta' kuljum fid-dar tal-genituri taghha li dak iz-zmien kienet fi Triq Skapuccini tghinhom fil-bzonnijiet taghhom u t-tindif tad-dar. L-atturi ma ressqu l-ebda prova kuntrarja ghal dan ghajr illi l-uniku xhud taghhom l-attrici Theresa Xuereb issostni li fi zmien li ommha tal-eta' ta' 61 kisret saqajha u damet mwegga ghal madwar sena hija wkoll kienet tmur darba fil-gimgha tnaddaf.

Illi din il-Qorti tqis li gie sodisfacentement pruvat lilha li tul iz-zmien is-servigi rezi mill-konvenuta Vella lill-genituri baqghu jintensifikaw in vista tal-eta' taghhom u tal-kumplikazzjonijiet medici taghhom kif gew ahjar deskritti mit-tobba li xehdu fl-atti. Jirrizulta li l-hajja mizzewga taghha, il-konvenuta qattetha ghand il-genituri taghha fil-hin li wliedha kienu l-iskola sakemm wasal iz-zmien li l-genituri taghha tant gew f'kundizzjoni li ma kienux ta' wahedhom, anki ghaliex ommha bdiet titlef id-dawl t'ghajnejha, li dawn marru jghixu mal-konvenuti. Da parti taghha omm il-konvenuta ghamlet madwar ghaxar snin tghix maghhom b'madwar sitta minnhom ghamja u 'bed bound' qabel ma mietet u l-missier ghal madwar tlettax-il sena. Ghalkemm il-kundizzjoni tal-missier kienet ahjar minn tal-omm hija l-istess attrici Theresa Xuereb li fil-kontro-ezami taghha tikkonferma li fl-ahhar tmien snin ta' hajtu l-missier ma kienx johrog mid-dar minhabba l-kundizzjoni ta' sahha tieghu. Fil-fatt it-tobba kkonfermaw li huwa kellu kundizzjoni f'qalbu li ma kinitx tippermettilu li johrog ghalkemm kien jimxi fid-dar bl-ghajnuna ta' frame. Illi tant il-genituri tal-konvenuta kienu jiddependu fuqha li meta hija giet biex taghmel operazzjoni w'ghalhekk kellha tidhol l-isptar, l-omm kellha tiddahhal *f'respite care* ghal ftit jiem tant kemm kienet tiddependi kompletament fuq bintha (ara x-xhieda ta' Dr. Susanne Vella a fol. 443 et seq tal-process). Dan kien fis-sena 2005 .

Illi mix-xhieda tan-*nurse* Jennifer Vella (fol. 347) johrog car kemm il-konvenuta kienet tiehu hsieb tant tajjeb tal-genituri taghha u li dan ghamlitu ghal snin twal. L-atturi jippruvaw idawruha li kienet in-*nurse* li kienet tieghu hsieb lill-omm u mhux Lucia Vella izda dan jevidenzja biss

kemm l-atturi ma kienux jafu l-gid kollu li l-konvenuta kienet qed taghmel ma' ommha u missierha tul hajjitha. Jirrizulta li l-omm ghal snin twal kienet tiekol biss permezz ta' tubu u anki kellha l-*catheter*. Kienet l-istess Lucia Vella li kienet taghtiha tiekol ta' kuljum minn dan it-tubu u n-*nurse* kien hemm bzonnha regolarment biss sabiex tiehu hsieb it-tubu u l-*catheter* stante li dan huwa xoghol li se mai huwa kompetenza ta' appuntu 'nurse'u mhux ta' persuna li ma tkunx intiza f'dan ix-xoghol. Fil-bqija l-bzonnijiet kollha tal-genituri tal-partijiet kienet tiehu hsiebhom Lucia Vella. L-istess Jennifer Vella temfasizza fix-xhieda taghha li tant l-omm kienet mizmuma tajjeb mill-konvenuta Vella qatt ma kellha '*bed sore*' hlief meta dahlet ftit jiem l-isptar nonostante li skont din ix-xhud '*bed sore*' ghal min ikun *bed bound* tohrog anki wara gurnata.

Illi da parti taghhom l-atturi jsostnu li ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li d-dar fejn irrisjedew dejjem il-konvenuti sa miz-zwieg taghhom u cioe' dik li thalliet bi prelegat lilhom kienet proprjeta' tal-genituri u mhux taghhom. Dan mhux kontestat mill-konvenuti. Il-konvenuti jammettu li huma qatt ma halsu l-ebda kera izda jinsistu li ghamlu hafna xoghlijiet ta' valur sabiex gabu l-istess dar bhala wahda abitabbli. Il-konvenut jixhed li minn dar ta' tlett ikmamar mhux abitabbli huwa zied binjiet fil-genb u fuq wara tad-dar u bena s-sular kollu ta' fuq. L-attrici Theresa Xuereb fil-kontro-ezami taghha wara hafna tlaqliq tammetti li l-konvenuti ghamlu hafna xoghol f'din id-dar u li ma kinitx abitabbli fis-sitwazzjoni li kienet qabel. Il-Periti fl-atti kkonfermaw ukoll li din il-proprjeta' giet ivvalutata bil-binja kif mizjuda u rrangata mill-konvenut u mhux b'dak li kien ezistenti qabel ma saru x-xoghlijiet. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-valur mizjud li l-konvenuti ghamlu

bhala xogħlijiet f'din il-proprjeta' għandu jitqies li jpatti għall-fatt li tul is-snin huma ma ħalsu l-ebda kera lill-konjugi Camilleri sabiex jirrisjedu fl-istess fond.

Illi l-atturi jsostnu wkoll li l-konvenuta tħalset bizzejjed għaliex tul is-snin li l-ġenituri tagħhom għamlu jgħixu magħha hija kienet tirċievi nofs il-pensjoni tal-missier (stante li l-omm ma kellhiex) sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom. Jirrizulta mill-atti li l-pensjoni tal-missier kienet fl-ammont ta' madwar €477 fix-xahar b'dana li allura l-konvenuta kienet tirċievi s-somma ta' madwar €238 fix-xahar għall-bzonnijiet tal-ġenituri tagħha u wkoll sabiex jagħmlu tajjeb għas-servizzi wżati fl-istess residenza tal-konvenuta. Skont dan il-kalkolu allura l-konvenuta kien ikollha f'idejha ftit anqas minn €4 kuljum sabiex jagħmlu tajjeb għall-bzonnijiet ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha. Minn dan l-ammonti riedet titħallas in-*nurse* li kkonfermat li kienet il-konvenuta li kienet tħallasha, tinxtara l-mediċina, jingħata l-ikel lill-ġenituri, jinżammu nodfa (u fi kliem ix-xhieda fl-atti kienu jkunu nodfa tazza), jitħalsu parti mis-servizzi fid-dar u jinxtraw il-bżonnijiet kollha tagħhom. Il-Qorti in vista ta' dan ma tqisx illi din is-somma li kienet tgħaddi għand il-konvenuta b'xi mod tista' titqies bħala kumpens għas-serviġi rezi anzi l-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi l-probabbilita' kienet li l-konvenuti kienu joħorgu minn buthom sabiex jagħmlu tajjeb għall-bżonnijiet u spejjeż kollha tal-ġenituri tagħha.

Jibqa' allura sabiex jiġi kkunsidrat jekk il-valur ta' €230,000 tal-fond immobbli mgħoddi bi prelegat hux esaġerat għas-serviġi rezi mill-istes konvenuta. Kif ġia kkunsidrat aktar 'il fuq din il-Qorti tqis li ġie pruvat

lilha li l-konvenuta rrendiet servigi lill-genituri taghha mill-anqas sa mill-gurnata li gie redatt it-testment lura fis-sena 1977 sad-data tal-mewt tal-genituri. Huwa ovvju li l-entita' tas-servigi zdiedu tul iz-zmien sakemm fl-ahhar snin mill-anqas fis-snin li l-genituri taghha ngabru maghha fl-ahhar tlettax-il sena s-servigi moghtija mill-konvenuta kienu erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tikkalkula allura li l-konvenuta rrendiet tlieta u tletin sena servigi lill-genituri taghha. Li kieku wiehed kellu jaqsam il-valur tal-fond in kwistjoni u jikkalkula l-valur ghal kull gurnata ta' servigi rezi tul is-snin dan jammonta ghal ftit anqas minn €20 kuljum u dan ghal servigi rezi lil zewg persuni wahda minnhom sahansitra 'bed bound', ghamja, tiekol mit-tubu u bil-*catheter*. Applikati l-principji hawn fuq enuncjati fil-gurisprudenza l-Qorti tqis li dan l-ammont huwa aktar milli ragjonevoli anzi fic-cirkustanzi kwazi kwazi tqis li l-konvenuta kien haqqha aktar stante li hija qattghet tlieta u tletin sena minn hajjitha prattikament isservi u tiehu hsieb lill-genituri taghha b'sagrificcji wkoll kbar ghall-familja taghha.

Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis ghalhekk li l-valur tal-prelegat ghandu verament jitqies bhala dejn tal-eredita' u m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-porzjon riservat. Dwar din il-proprjeta' ghalhekk l-ewwel talba tal-atturi ma ghandhiex tigi milqugha.

ii) il-partijiet ma jaqblux fuq il-valur dikjarat fil-kuntratt ta' bejgh tal-art fi Triq Skapuccina. Filwaqt li l-atturi jsostnu li l-bejgh kien wiehed simulat tant illi l-Periti nominat f'din il-kawza vvalutaw dan il-fond ghall-valur ta' Lm20,000 mill-Perit Henry Attard u €70,000 (Lm30,000) il-periti addizzjonali rispettivament, il-konvenuta tinsisti li l-valur ta' Lm5,000

lura fis-sena 1988 kien wiehed reali u jirrifletti l-valur tal-proprjeta' ta' dak iz-zmien anki kif reklamata fil-gazzetti (estratti tal-istess avvizi gew ukoll esebiti a fol. 476 et seq tal-process). Fi kwalunkwe kaz tinsisti li se mai jekk jirrizulta li l-fond ghandu valur akbar il-kuntratt ghandu jigi kunsidrat bhala wiehed essenzjalment oneruz u mhux donazzjoni fl-interita' tieghu kif qed jinsistu l-atturi.

Illi dwar il-mobbli kontenuti f'dan l-istess fond il-konvenuti jargumentaw li ma tressqet l-ebda prova li dawn ma gewx trasferiti lilhom flimkien mal-proprjeta'. Il-Qorti tqis li l-konvenuti f'dan is-sens ghandhom ragun. Fil-fatt mill-kuntratt ma tirrizulta l-ebda riserva dwar il-mobbli. In oltre nonostante li wara l-kuntratt ghaddew bosta snin il-genituri tal-partijiet qatt ma ppretendew li jiehdu xi mobbli mill-istess fond taht il-pretensjoni li huma taghhom. F'dan is-sens il-Qorti ghalhekk ma taqbilx li l-valur ta' dawn il-mobbli, li fi kwalunkwe kaz llum il-gurnata ma tqisx li jista' jkollhom xi valur kbir, ghandu jizdied mal-massa ereditarja ghall-iskop tal-kalkolu tal-porzjon riservata.

Illi mix-xhieda tal-Perit Henry Attard in eskussjoni (fol. 75) jirrizulta li l-fond trasferit permezz tal-kuntratt datat 29 ta' April, 1988 (fol. 27) mill-genituri tal-partijiet lill-konvenuti ghandu daqs ta' madwar sitt plots. Lura fis-sena 1988 dan inbiegh lill-konvenuti bil-prezz ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000). Fl-ezercizzju tieghu sabiex jaghti l-valur tal-fond lura fis-sena 1988 u cioe' fid-data tat-trasferiment il-Perit Henry Attard stima dan il-fond fil-valur ta' ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000). Il-periti addizzjonali fir-rapport taghhom stmawh fil-valur ta' sebghin elf Euro (€70,000) ekwivalenti ghal tletin elf Liri Maltin (Lm30,000). Skont avvizi

fil-gazzetti ta' dak iz-zmien kif riportati fid-dokument esebit a fol. 476 et seq tal-process mill-konvenuti proprjetajiet mhux konvertiti ma kienux igibu valur gholi izda proprjetajiet lesti anki f'Ghawdex inkluz semplici flats kienu jgibu valur ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) jew aktar, anki valuri ta' 'l fuq minn ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000). Jirrizulta izda mir-rapporti tal-periti fl-atti u mill-eskussjoni taghhom li filwaqt li l-Perit Henry Attard ha wkoll in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni tieghu l-valur tal-quddies u l-pizijiet li ghalihom huwa suggett dan il-fond, il-periti perizjuri ma hadux kont ta' dawn il-pizijiet u vvalutawh bhala liberu u frank minn pizijiet.

Illi din il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti fl-atti fost ohrajn: il-fatt li gia lura fis-sena 1977 il-genituri tal-partijiet kienu pprovdew ghall-prelegat favur binthom konvenuta ghall-kuri u assistenzi li hija kellha trendi lilhom u ghall-fatt pruvat li gia fis-sena 1988 l-istess genituri kienu jiddependu hafna fil-bzonnijiet taghhom fuq l-istess konvenuta; tqis li ghalkemm il-kuntratt ma kienx simulat fis-sens li temmen li verament kien hemm bejgh tal-fond ghas-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000), il-genituri tal-konvenuta certament fid-decizjoni taghhom dwar il-prezz tal-fond zgur li kienu nfluwenzati anki jekk mhux konxjament mill-gratitudni li huma kellhom lejha ghal dak kollu li kienet qed taghmel maghhom b'dana li volontarjament taw prezz baxx lill-proprjeta' in kwistjoni, prezz li din il-Qorti ma temminx li kien sa jirrifletti l-valur ta' dak iz-zmien ta' art ta' daqs ta' kwazi sitt plots. F'dan is-sens il-Qorti taqbel mar-raba' eccezzjoni tal-konvenuta li l-kuntratt in kwistjoni ghandu jitqies bhala ***negotium mixtum cum donatione*** fejn parti minnu kienet verament oneruza u l-parti l-ohra kienet bla hlas.

Illi fl-istess kuntratt jinghad li l-prezz ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) kellu jithallas fi zmien ghaxar snin. Bhala garanzija tal-hlas il-genituri rriservaw favur taghhom privilegg specjali fuq l-istess immobbli trasferit. L-atturi jsostnu li ma tressqietx prova li dawn il-flus thallsu mill-konvenuti lill-genituri tal-partijiet. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-atturi. Il-Qorti tqis li anki meta wiehed ma jikkunsidrax id-dokument esebit man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (**li gie esebit minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti w'ghalhekk ukoll fuq talba tal-atturi l-Qorti qed tordna l-isfilz tieghu mill-atti)** fl-atti tressqu provi sufficjenti li jevidenzjaw li dawn il-flus thallsu. Fil-fatt iz-zewg konvenuti jixhdu li xi snin wara s-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) kienet thallset billi din ghaddiet ghand in-Nutar Dr. Michael Refalo li mar id-dar jigbor l-istess u nfetah ktieb tal-bank appositu f'isem il-genituri b'dan l-ammont. Il-konvenuti jsostnu wkoll li fl-istess zmien tnehha l-privilegg specjali minn fuq il-fond. Dan bl-ebda mod ma gie kontestat mill-atturi. Kopja tal-ktieb tal-bank giet esebita a fol. 511 tal-process. Minn dan il-ktieb allura jirrizulta li l-pagament da parti tal-konvenuti sar fis-sena 1997 disa' snin wara l-kuntratt u entro t-terminu mpost fuq il-konvenuti mill-bejjiegha. Jirrizulta lil dik il-Qorti li dak iz-zmien il-genituri tal-partijiet gia kienu ngabru jghixu mal-konvenuta w'ghalhekk ma tqisx li seta' kien hemm xi tip ta' introjtu iehor minn fejn dawn il-flus kollha f'daqqa setghu gew f'idejn il-genituri tal-partijiet. Il-konvenuti jinsistu li din is-somma flus ghadha depozitata fil-bank u dan jidher li huwa minnu mid-dokument esebit a fol. 184 tal-process f'isem il-mejjet Carmelo Camilleri.

Illi tenut kont ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis ghalhekk li fic-cirkustanzi jkun ekwu u gust li s-somma mhallsa mill-konvenuti lill-genituri tal-partijiet fis-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm 5,000) ghandha titnaqqas mill-valur attribwit lill-fond in kwistjoni qabel ma' dan jigi mghaqqad mal-massa ereditarja sabiex tigi kalkolata l-porzjon riservata dovuta lill-atturi.

Illi ghal dak li huwa valur tal-fond il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi ghandha timxi mal-valur attribwit lill-fond mill-periti addizzjonali fosthom ghar-raguni li fost il-periti addizzjonali kien hemm il-Perit Joseph Mizzi li jirrizulta li kien perit jipprattika fil-Gzira ta' Ghawdex fiz-zmien tal-kuntratt w'allura l-'input' li huwa ta fir-rapport tal-periti addizzjonali din il-Qorti ma tqisx li jista' jigi skartat malajr nonostante li din il-Qorti ghandha f'certu cirkustanzi l-poter li ma timxix mar-rapporti tal-periti nominati minnha. Wara li rat ukoll il-valur tal-pizijiet tal-quddiesa impost fuq il-fond (ara fol. 471 et seq tal-process) fl-ammont ta' seba' Euro (€7) kull quddiesa ma tqisx li dan ghandu jaffettwa l-valutazzjoni moghtija mill-Periti perizjuri fis-somma ta' sebghin elf Euro (€70,000).

**Kalkolu tal-porzjon riservata:**

Illi tenut kont tal-konkluzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tevalwa r-rijunjoni fittizja tal-eredita' tal-mejta konjugi Camilleri sabiex konsegwentement tkun tista' tasal ghall-kalkolu tal-porzjon riservata dovuta lill-atturi:

**Assi ta' Carmela Camilleri:**

(i) Kont mal-Bank HSBC fl-ammont ta' EUR 589.09 depozitati fih (fol. 151 tal-process);

(ii) Kont mal-Bank BOV fl-ammont ta' EUR 2,785.01c depozitati fih (fol. 184)

(iii) Parti minn hamsa (1/5) minn porzjon raba' maghruf bhala 'Tal-Blata' fiz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 1783 metri kwadri stmata mill-Perit Tekniku Henry Attard fil-valur ta' €13,000 (rapport datat 17 ta' Novembru 2016 a fol. 419 et seq) bi kwinta parti tammonta ghas-somma ta' Carmela Camilleri jammonta € 2,600;

(iv) Nofs il-valur tal-fond fi Triq Skapuccini, Zebbug trasferit lill-konvenuti kif stmat mill-periti addizzjonali ghall-valur ta' €70,000 b'dan izda li minnu ghandha titnaqqas is-somma mhallsa ta' Lm5,000, rizultanti fis-somma ta' €29,176.

**Assi ta' Carmelo Camilleri**

(i) Kont mal-Bank BOV fl-ammont ta' € 569.22 (fol. 184)

(ii) Kont iehor mal-Bank BOV fl-ammont ta' €12,124.66c (fol. 184)

(iii) Art ta' Zaki, Zebbug, Ghawdex, li skont kuntratt ta' divizjoni ta' l-1 ta' Ottubru 1991 giet assenajta lil Carmelo Camilleri (kuntratt esebit Dok DC 3 man-nota tal-atturi a fol 189). l-valur moghti mill-Perit Tekniku Henry Attard huwa ta' € 6,600 (fol. 417);

(iv) Art ta' Saghtrija fiz-Zebbug, li skont il-kuntratt ta' divizjoni ta' l-1 ta' Ottubru 1991 giet assenjata lil Carmelo Camilleri (Dok DC3 esebit man-nota tal-atturi a fol 189 tal-process). Din l-art tikkonsisti minn diversi porzjonijiet stmati mill-Perit Henry Attard kif isegwi (ai termini tar-rapport addizzjonali a fol. 410 et seq tal-process):

(a) Ir-raba' markat bin-numru (1) ta' kejl ta' cirka 48 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €1,000;
(b) Ir-raba' markat bin-numru (2) ta' kejl ta' cirka 393 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €9,600;
(c) Ir-raba' markat bin-numru (3) ta' kejl ta' cirka 174 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €3,300;
(d) Ir-raba' markat bin-numru (4) ta' kejl ta' cirka 85 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €1,700;
(e) Ir-raba' markat bin-numru (5) ta' kejl ta' cirka 291 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €5,400;
(f) Ir-raba' markat bin-numru (6) ta' kejl ta' cirka 1428 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku € 33,600;
(g) Ir-raba' markat bin-numru (7) ta' kejl ta' cirka 1900 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €45,000;
(h) Ir-raba' markat bin-numru (8) ta' kejl ta' cirka 447 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €5,850;
(i) Ir-raba' markat bin-numru (9) ta' kejl ta' cirka 1,436 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €18,350;
(j) Ir-raba' markat bin-numru (10) ta' kejl ta' cirka 508 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €6,500;

(k) Ir-raba' markat bin-numru (11) fuq Dok 9 li ghandha kejl ta' cirka 130 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €1,700;
(l) Ir-raba' markat bin-numru (12) fuq Dok 9 ta' kejl ta' cirka 3310 metru kwadru li ghandha valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €25,000;

(v) Raba tal-Qbejjer, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex li ghandha kejl ta' cirka 222 metri kwadri u valur moghti mill-Perit Tekniku ta' €5,000 (rapport tal-perit a fol. 416).

(vi) Nofs il-valur tal-fond fi Triq Skapuccini, Zebbug trasferit lill-konvenuti kif stmat mill-periti addizzjonali ghall-valur ta' €70,000 b'dan izda li minnu ghandha titnaqqas is-somma mhallsa ta' Lm5,000, rizultanti fis-somma ta' €29,176.

Jirrizulta ghalhekk li l-assi ta' Carmela Camilleri jammontaw ghall-valur totali ta' €35,123.10. Jirrizulta wkoll li t-total tal-assi ta' Carmelo Camilleri jammontaw ghall-valur totali ta' €210,469.88. Flimkien il-valur tal-ereditajiet tal-konjugi Camilleri jammontaw ghall-valur ta' €245,593.

Jirrizulta illi dawn l-assi ghadhom kollha ezistenti u ghajr ghall-proprjeta' mibjugha fi Triq Skapuccini, l-ebda minn dawn il-proprjetajiet ma' jinsabu fil-pussess tal-konvenuti u lanqas tal-ahwa atturi li jidher lil din il-Qorti li meta fethu l-kawza bil-kemm kienu jafu b'din il-proprjeta'.

Illi kalkolat is-sehem riservat ai termini tal-artikolu 611 (1) tal-Kodici Civili kif emendat stante li l-ereditajiet infethu fis-sena 2007 u 2010 jirrizulta li s-sehem riservat dovut lill-atturi huwa kif isegwi:

(i) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 ghal Domenic, Ronnie u Noel Camilleri bejniethom fi kwoti ugwali;
(ii) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 ghal Anthony Camilleri;
(iii) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 lil Tereza Xuereb.

Stante illi fl-ereditajiet gjacenti jirrizulta li ghad hemm proprjeta' fil-valur komplessiv ta' madwar €187,000 filwaqt li dak dovut skont din id-decizjoni ser jammonta ghas-somma ta' €61,398 il-Qorti ma taqbilx ma' dak espost mill-atturi li l-konjugi Camilleri eccedew il-kwota disponibbli lilhom.

Sfortunatament jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li kieku hadd mill-partijiet ma rrinunzja ghall-wirt allura kull eredi iben jew bint il-konjugi Camilleri kien ikollu jedd ghall-flus u mmobbli fil-valur ta' €61,398.25 valur ferm akbar mis-sehem riservat li ser jircievu tramite din id-decizjoni. Fic-cirkustanzi stante li jirrizulta li l-kawza odjerna kienet rizultat ta' nuqqas ta' komunikazzjoni kbira bejn il-partijiet (wara li wkoll din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' gurisprudenza precedenti taghha stess), sabiex ukoll ma tkomplix titkabbar il-ferita, stante wkoll li jirrizulta li hemm assi bizzejjed sabiex ukoll jithallsu l-imghaxijiet fuq il-porzjon riservat u stante wkoll li jirrizulta li l-parti l-kbira tal-porzjon riservat giet kalkolata fuq l-assi tal-missier il-Qorti tqis li ghandhom jithallsu mghaxijiet bir-rata ta' 8 % fuq

is-somma tal-porzjon riservata kollha likwidata mid-data tal-mewt tal-missier cioe' 30 ta' Mejju, 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:**

**1. Tilqa' t-tieni, r-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella filwaqt li tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet f'dawk il-partijiet li mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz;**
**2. Tiddikjara l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqajjma minn Dr. Kevin Mompalao fil-vesti tieghu ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eredita' ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri bhala sorvolata stante r-rinunzja tal-atturi fuq il-proprjeta' partikolari;**
**3. Tichad il-bqija tal-ecczzjonijiet ta' Dr. Kevin Mompalao fil-vesti tieghu ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eredita' ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri unikament f'dawk il-partijiet li mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz;**
**4. Tichad l-ewwel talba attrici fir-rigward tal-kuntratt datat 11 ta' Ottubru, 1979 stante li get rinunzjata mill-istess atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom;**
**5. Tichad l-ewwel talba attrici fir-rigward tal-legat remuneratorju tal-lok tad-djar bl-indirizz 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug stante li mhux gjustifikata;**

**6. Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fir-rigward tal-kuntratt datat 29 ta' April, 1988 relatat mal-bejgh tal-fond fbl-indirizz 31, 32, 33, u 34 Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex u tiddikjara li dan il-kuntratt kien *negotium mixtum cum donatione* b'dana li l-valur ta' €58,352 ghandu jizdied mal-eredita' tal-konjugi Camilleri;**

**7. Tilqa' in parte t-tieni talba attrici u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Carmelo u Carmela konjugi Camilleri f'li jikkonsistu fl-assi ndikati aktar 'il fuq f'din id-decizjoni taht it-titoli Assi ta' Carmela Camilleri u Assi ta' Carmelo Camilleri b'dana li t-total tal-assi ta' Carmela Camilleri qed jigi dikjarat li ghandhom il-valur ta' €35,123.10 filwaqt li l-assi ta' Carmelo Camilleri ghandhom valur ta' €210,469.88;**

**8. Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida l-legittima ossija l-porzjoni riservata dovuta lill-atturi mill-wirt ta' l-imsemmija genituri taghhom Carmelo u Carmela Camilleri kif isegwi:**

**(i) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 ghal Domenic, Ronnie u Noel Camilleri bejniethom fi kwoti ndaqs bejniethom;**

**(ii) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 ghal Anthony Camilleri;**

**(iii) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 lil Tereza Xuereb.**

**9. Tichad ir-raba' talba kif dedotta fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vella izda tghaddi sabiex tilqa' r-raba' talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-kuratur tal-eredita' gjacenti u tikkundanna lill-Avukat Dr. Kevin Mompalao bhala kuratur tal-eredita' gjacenti sabiex jassenja lill-atturi l-legittima ossija l-porzjon riservata kif hekk likwidata fil-**

**paragrafu 8 precedenti bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% mid-data tat-30 ta' Mejju, 2010 sad-data tal-pagamenti effettiv;**

**10. Tichad il-hames talba kif dedotta fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vella izda tghaddi sabiex tilqa' l-hames talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-kuratur tal-eredita' gjacenti u tikkundanna lill-Avukat Dr. Kevin Mompalao bhala kuratur tal-eredita' gjacenti sabiex jidher fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-imsemmija legittima ossija porzjon riservata;**

**11. Tilqa' s-sitt talba attrici u tinnomina lin-Nutar Dr. Anna Maria Mizzi sabiex tiffissa hi gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fi zmien mhux oltre minn sitt xhur mid-data ta' din id-decizjoni bin-nomina ta' Dr. Jonathan Mintoff sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.**

**L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, fic-cirkustanzi, ghandhom jigu sopportati mill-ereditajiet gjacenti.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**

Notifika: Dr Jonathan Mintoff, Nutar Dr. Anna Maria Mizzi.